**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tal-11-il laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 7 ta'Ottubru 2015 fis-6:15 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Giljan Aquilina |
| **Viċi Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| **Ambaxxatur Żagħżugħ** | Owen Muscat |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |

**11/01** **Talba**

**11/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-6.15 p.m. billi ntqalet it-talba.

**11/02** **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 10**

**11/02/01** Ma kienx hemm korrezzjonijiet fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti.

**11/03** **Punti mtella' mill-Minuti 10**

**11/03/01** **Para 10/03/01:** Rigward it-twessiegħ ta' Triq il-Ġnien, il-Perit tal-Kunsill qiegħed iħejji rapport hekk kif talbuna TM. Il-Perit għandu jżomm lill-Kunsill infurmat fuq xi spejjeż li jkun hemm sabiex jithejja dan ir-rapport.

**11/03/02** **Para 10/03/02:** L-Agent S.E. informa li kien kiteb lid-DLG biex javza li qabel ma hargu is-sejhiet ghas-servizz tal-knis u tal-qtuh tal-haxix fit-toroq rurali ma kienx inkiseb il-permess tal-Green Public Procurement. Qed nistennew risposta.

**11/03/03** **Para 10/03/03:** Gie deciz li għandha tintbagħat reminder ohra lill-Assistent Kummissarju tal-Pulizija sabiex issir laqgha miegħu.

**11/03/04** **Para 10/03/06:** Gie deċiż li t-talba biex tehel mera fi Triq San Ġwann faċċata ta' Triq Gargallo ma tintlaqax peress li l-kuntrattur tal-Kunsill infurmana li din mhux ser tkun effettiva. Gie deciz li din it-talba tkun ikkunsidrata mill-gdid jekk jerga ikun hemm incident iehor tat-traffiku.

**11/03/05** **Para 10/03/07:** Ġie deċiż li jsir Double Yellow line fi Triq Santa Katerina faċċata tal-VRT garage u ieħor aktar 'il ġewwa fil-kantuniera fejn jispicca l-hajt tal-parking area tal-Mac Donalds.

**11/03/06** **Para 10/03/09:** Il-Kunsill ġie nfurmat li saret it-talba għall-ħlas mill-Malta Public Transport għall-ispejjeż biex tiġi rranġata l-crash barrier fi Triq Stiefnu Zerafa.

**11/03/07** **Para 10/03/10:** Il-Kunsill ġie nfurmat li ġie ffirmat l-kuntratt tal-qtuh tal-haxix fit-toroq rurali.

**11/03/08** **Para 10/03/12:** Is-Sindku informa li ser jibda x-xogħol fuq il-bankina ta' quddiem l-maħżen tal-armar fi Triq l-Oratorju minn naha tad-Dipartiment tax-Xogholijiet.

**11/03/09** **Para 10/03/13:** Is-Sur Mark Azzpardi fakkar li kif diga nforma permezz ta' email lill-Kunsilliera kollha din is-sena ma jistax jiehu hsieb l-organizzazjoni tal-attivita' tal-Mixja tal-Ghar fil-jiem tal-Milied minħabba mpenji personali u ohrajn relatati max-xoghol. Hu stieden lil Kunsillieri biex jorganizzaha.

**11/03/10** **Para 10/03/15:** Il-GPD ġie nfurmat li l-kuntratt tal-kera tat-Torri tas-Semafora m'għadux fis-seħħ.

**11/03/11** **Para 10/05/03:** Wara *site visit*, ġie deciz li jsiru tliet MC bays fil-pjazza. Kien hemm qbil fuq dan.

**11/03/12** **Para 10/05/04:** Twaħħlu t-tabelli fi Triq Fidel Zarb u fi Triq Santa Katerina.

**11/03/13** **Para 10/05/05:** Ghad iridu isiru d-double yellow lines fi Triq Dun Karm Fenech c/w Triq Dun Salvatore Zarb.

**11/03/14** **Para 10/05/06:** Għad trid ssir t-talba lil TM biex issir trinka fi Triq tal-Balal biex l-Għaqda tal-armar tkun tista' tixgħel l-arblu tal-bandiera.

**11/03/15** **Para 10/06/02:** It-talba għal-laqgħa fi Triq Mons L. Catania c/w Triq il-Mithna ma' TM saret u qed nistennew risposta.

**11/03/16** **Para 10/06/04:** Is-Sindku informa lill-Kunsill li hu kien tkellem mal-Perit u dan kien qallu li flok jithallas fees persentagg fuq l-ispiza tal-progett hu kien ser jithallas b'rata ta' kull siegha xoghol li hu jaghmel. Gie deciz li tintalab stima tal-ispejjez involuti. L-istaff tal-Kunsill ser ikomplu ifittxu r-rapport li kien sar fuq l-area ta' rikreazzjoni ta' Zgharuna. Jekk dan ma jinstabx l-Agent S.E. ghandu jitlob kopja ohra.

**11/03/17** **Para 10/07/06:** Is-Sur Christopher Fenech informa lill-Kunsill li x-xogħol tal-konkos fuq il-hitan tas-sejjieh fil-Ġnien il-Ponta qed isir tajjeb ħafna. Il-Kunsill għandu jirringrazzja lis-Sur Nazzareno Gauci tax-xoghol volontarju li qed iwettaq.

**11/04** **Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**11/04/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda.*

**11/04/02** Il-Kunsill innota li pagament numru 16 tal-Arms, ma kienx hemm imnaqqas l-units iġġenerati mis-sistema tal-PV tal-Kunsill. Għal din ir-raġuni ġie deċiż li dan il-pagament jiġi temporanjament imwaqqaf sakemm issir il-verifika. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti l-oħra.

**11/05** **Ilmenti u Suġġerimenti**

**11/05/01** 18115010235823 Kien hemm diskussjoni rigward talba biex issir shade f'lampa fi Vjal ir-Repubblika peress li qed jidħol id-dawl fil-kamra tas-sodda f'residenza li qeda fuq in-naha l-ohra tat-triq. Ġie deċiż li din ma ssirx ghax jekk issir is-shade din kienet ser iddallam it-triq.

**11/05/02** 18115027235827 Rigward talba biex isiru żewġ bins kbar oħra fi Triq Ghaxqet l-Ghajn ġie deċiż li dawn ma jsirux peress li diġà hemm 5 preżenti.

**11/05/03** 18115082235833 Rigward talba biex jitwaħħlu tabelli biex ma jitremiex skart quddiem il-hanut fi Triq Caravaggio, il-Kunsill innota li diġà hemm diversi tabelli mwaħħla.

**11/05/04** 18115096235836 Talba biex terġa' titwaħħal bozza fi Triq Sant Marija taż-Żellieqa. Wara diskussjoni, ġie deċiż li terġa' titwaħħal bozza fl-istess post minfejn inqalgħet.

**11/05/05** Is-Sindku talab biex:

Isir *double yellow line* quddiem entratura ta' residenza fi Triq il-Kbira peress li kien qiehed jigi imblukkat l-access ghal din ir-residenza. Kien hemm qbil li ssir.

Issiru tabelia "Park Exhaust outwards" quddiem Ufficcju PN u quddiem il-Kazin tal-Banda. Gie deciz li quddiem il-Kazin tal-Banda ma tehilx tabella. Quddiem l-Ufficcju PN issir jekk jaccetta l-Kumitat.

Tiġi ndirizzata l-problema tal-għargħar fi Triq l-Indipendenza kantuniera ma' Triq Ta' Żagħruna. Il-Kunsill innota li dan ix-xoghol hu responsabbilta' tal-Gvern Centrali u fil-passat diga saru diversi talbiet. Id-Dipartiment tax-Xogholijiet kien diga ghamel survey pero jidher li hemm problema fejn ser jintefa l-ilma li jingabar. Għandu jsir follow-up fuqha.

Talab ukoll biex isiru double yellow lines fil-bidu ta' Triq Indipendenza ma Triq Zgahruna. Il-Kunsill qabel.

Is-Sur Owen Muscat skuża ruħu mil-laqgħa fis-7.25pm.

**11/05/06** Is-Sindku talab biex:

Titwahhal tabella li *Cul De Sac* fi Sqaq il-Mithna. Kien hemm qbil fuq dan.

Jinbidlu l-*pedestrian guards* fi Triq Stiefnu Zerafa kantuniera ma' Triq San Ġwann. Kien hemm qbil fuq dawn.

Jinħareġ *No* Objection għall-bidwi li jrid jibni boundary wall tas-sejjieħ madwar l-għalqa tiegħu fi Triq Għaxqet l-Għajn. Ma hemmx bzonn li tinhareg *No objection* mill-Kunsill.

**11/05/07** Is-Sur Mark Azzopardi tkellem fuq:

Il-htiega li korrispondenza mill-MEPA titressaq ghad-diskussjoni waqt il-laqgha tal-Kunsill. Din il-korrispondenza ser tintbaghat ukoll b'email lill-Kunsilliera. Kien hemm qbil fuq dan.

Għandu jkun hemm aċċess fi Triq Fidel Zarb meta jkun hemm ix-xogħlijiet għaddejjin. Ġie deċiż li jekk dan ma jsirx, isir rapport immedjat lill-Pulizija.

Ilmenti li hu rcieva dwar bollard li twahhlet minn resident mingħajr il-permess tal-Kunsill jew ta' TM fi Triq Ferdinand kantuniera ma' Triq il-Gnien. Wara diskussjoni ġie deċiż li l-Kunsill ma inehhix din il-bollard kif ukoll ma jnehhi l-ebda bollard ohra li tehel minghajr permess mir-residenti fil-futur. Il-Kunsill qabel ukoll li jikteb lil dan ir-resident u jinfurmah li hu ser jinzamm responsabbli jekk jinqala xi incident minhabba din il-bollard.

**11/05/08** Is-Sur Christopher Fenech tkellem rigward talba lil TM biex issir yellow box quddiem propjeta' fi Triq San Gwann biex ikun hemm aċċess. Il-Kunsill innota l-korrispondenza li kien hemm bejn il-Kunsill u TM u gie deciz li jistenna risposta.

**11/06** **Korrispondenza**

**11/06/01** Il-Kunsill innota Memo 19/2015 rigward Ġbir ta' Skart. Il-Kunsill hu tal-opinjoni li l-ġbir ta' skart fil-Għargħur għandu jibqa' kif inhu preżenti.

**11/06/02** Ġiet innutata Ċirkolari 47/2015 rigward laqgħa plenarja għall-Membri tal-Kunsill. Ser jattendu għal din, Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Christopher Fenech.

**11/06/03** Ġiet innutata l-White Paper fuq ir-relazzjoni bejn it-Traffiku u t-Trasport tat-tfal tal-iskola. Il-Kunsill hu tal-opinjoni li din il-problema tat-traffiku f'dan ir-rigward tinħoloq l-aktar mill-iskejjel tal-knisja u privati, peress li l-iskejjel tal-gvern jinstabu generalment vicin l-istudenti. Il-Kunsill ihoss li l-Gvern għandu jindirizza din billi jipprovdi trasport għal dawn l-istudenti minghajr hlas. Il-Kunsill innota ukoll li issa kemm il-Gvern u l-Oppozizzjoni kien qablu li l-mizura li t-tfal jibdew skola kmieni ma ghandix tigi addotta.

**11/06/04** Ġiet innutata l-White Paper fuq l-permessi ghat-tqeghid tal-imwejjed u siggijiet minn tal-hwienet fuq art pubblika. Il-Kunsill hu tal-opinjoni li għandu jkun hemm bilanċ bejn il-bżonnijiet tas-settur kummerċjali u l-ħtiġijiet tar-residenti kif ukoll il-bzonn ta' aktar regolamenti u infurzar. L-Agent S.E. intalab jinforma lil AKL bil-posizzjoni tal-Kunsill.

**11/06/05** Ġie unanimament deċiż li l-Kunsill joggezzjoni ghall-applikazzjoni ta zvilupp mal-MEPA li saret minn G P Borg Construction fi Triq tal-Balal peress li l-izvilupp hu propost li jsir barra z-zoni tal-bini.

**11/07** **Materji oħra u mistoqsijiet**

**11/07/01** Is-Sindku tkellem:

Fuq ix-xogħol ta' concrete ħażin li sar fi Sqaq tal-Ferħa mill-Gvern Ċentrali. Kien hemm qbil li dan jiġi kkomunikat lil TM.

It-tender tal-knis tat-toroq urbani. Wara diskussjoni ġie deċiż li tinħareġ l-LA tal-kuntrattur magħżul li għandu jibda fl-1 ta' Novembru 2015.

Il-laqgħa li kellu flimkien mal-kunsillier Christopher Fenech mal-foreman tal-WD, is-Sur Joe Camilleri rigward diversi xogħlijiet. Dawn jinkludu, il-bankina ta' Triq l-Oratorju, il-kulverts fi' Sqaq Soija u Sqaq il-Ħofra u xi xoghol ta' patching. Ghandhom jigu provduti stimi ta' dawn ix-xogholijiet.

Li waslitlu informazzjoni dwar rregolarita' fil-provista tad-dawl fis-Searchlight Battery. Il-Kunsillier Christopher Fenech qal li kienu gew zewg ufficcjali mill-Lands u ghamlu site visit fis-Searchlight Battery u hadu ritratt tal-metre tad-dawl. Il-Vici Sindku spjega li l-Kunsill ghandu kwestjoni mal-ARMS u l-Lands Department ghaliex dawn qeghdin jippretendu li l-Kunsill ihallas il-kontijiet tal-konsum tad-dawl li intuza qabel din il-propjeta' ghaddiet ghand il-Kunsill. Gie deciz li l-Agent S.E. isegwi din il-problema mal-ARMS u l-Lands Department. Il-Vici Sindku gab ghall-attenzjoni tal-Kunsill biex jekk hemm xi rregolaritajiet ghandu jsir rapport lill-Pulizija.

**11/07/02** Kien hemm diskussjoni wkoll fuq il-ħolqien ta' Facebook Page għall-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil fuq dan u gie deċiż li l-ħames kunsilliera u l-istaff tal-Kunsill ikunu l-amministratturi ta' din il-page.

**11/07/03** Is-Sindku tkellem rigward l-attività li qed jorganizza s-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ, il-Halloween Party fit-30 ta' Ottubru 2015 fis-Searchlight Battery. Hu tkellem ukoll fuq il-possibilita' li dan is-Sotto Kumitat jorganizza l-mixja ghal-ghar u l-attivita tal-Milied fil-pjazza kif jaghmel kull sena. Jekk din ma issirx mill-Kunsill aktarx issir mis-Socjeta' Filarmonika San Bartilmew.

**11/07/04** Is-Sur Christopher Fenech tkellem dwar:

Siġra li qegħda f'pot fuq iz-zuntier tal-Knisja tiġi mħawwla fl-art peress li din ma tistax tikber aktar. Kien hemm qbil li tinġabar stima mill-ELC.

Fl-attività tat-13 ta' Diċembru 2015 se jieħu sehem l-Awtur Trevor Zahra biex isir qari ta' poeżiji. Kien hemm qbil.

Jikteb lid-Direttur tal-PARK f'isem il-Kunsill biex jagħti xi siġar lill-Kunsill. Kien hemm qbil fuq dan.

Rigward l-qsari li għandhom jinxtraw, ġie deċiż li l-baġit jiżdied għal 300 Ewro. Kien hemm qbil fuq din.

Kien hemm diskussjoni rigward l-istima għal information board għall-pjazza. Din l-istima tinkludi 250 Ewro għall-istruttura u 70 Ewro għad-disinn. Kien hemm qbil li ssir.

**11/07/05** Is-Sur Carl Grech tkellem fuq:

Il-Coffee Morning li għandu jiġi organizzat fit-13 ta' Ottubru 2015 kif ukoll informa lill-Kunsill li qed jaħdem biex jorganizza l-attività għall-Milied. Kien hemm qbil fuq dan.

Tkellem ukoll fuq il-possibbiltà li jorganizza keep fit classes fil-lokal. Kien hemm qbil. Hu ser jigbor l-istimi u jirreferi lill-Kunsill.

**11/07/06** L-Agent S.E. intalab isegwi l-ammonti dovuti lill-Kunsill minn Green MT li ilhom pendenti hafna u hemm ammont sostanzjali kif ukoll l-ammont dovut mid-DLG dwar il-connection tal-internet.

**11/08** **Aġġornament**

**11/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-9.15 p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Ġimgħa, 23 ta' Ottubru 2015 fis-6.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Giljan Aquilina** | **Kurt Guillaumier** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |